MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2007

Citazzjoni Numru. 296/2006

Rikors Guramentat Nru. 296 / 06NC

Kawza fil-lista: 23

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

1. Illi l-kontendenti kienu zzewwgu l-Ingilterra fl-1 ta' Frar 2003 (vide certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok. A);

2. Illi minn dan iz-zwieg taghhom twieldet D B fl-24 ta' Dicembru 2002;

3. Illi l-kontendenti kienu sseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni fit-28 ta' Novembru 2005, fl-atti tan-Nutar Patricia Hall (vide d-dokument hawn anness u markat bhala Dok. B);

4. Illi l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni tal-gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha, jew b' anomalija psikologika serja li ghamlitha mpossibli ghal partijiet li jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg u dan ai termini ta' l-artikolu 19(1)(d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Illi l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat minhabba l-eskluzzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga u tad-dritt ghall-att taz-zwieg u dan ai termini ta' l-artikolu 19(1)(f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Illi minhabba dawn ir-ragunijiet iz-zwieg bejn il-kontendenti huwa null u bla effett fil-Ligi.

Ghaldaqstant l-attur jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti ghandha ghar-ragunijiet fuq premessi:

(a) Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg bejn il-kontendenti celebrat fl-1 ta' Frar 2003 huwa null u bla effett ai termini ta' l-artikoli 19(1)(d) u (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

(b) Tordna li din in-nullita tigi registrata fuq l-att taz-zwieg fuq indikat.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li minn issa qed tigi ngunta personalment sabiex tidher ghas-subizzjoni.

Rat li l-konvenuta debitament ingunta baqghet kontumaci;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**
Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg tieghu kuntratt mal-konvenuta fl-1 ta’ Frar 2003 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet huwa vizzjat fit-termini tal-paragrafi [d] u [f] ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap.255.

**Kwadru tal-fatti**
Illi l-Qorti semghet liz-zewg partijiet jiddeponu, u hija propensa li taghti aktar affidament lill-versjoni tal-konvenuta milli minn dik mghotija mill-attur.

Illi jirrizulta pacifiku li l-partijiet izzewwgu fl-1 ta’ Frar 2003, meta allura, l-attur kellu 26 sena u l-konvenuta kellha 21 sena, u meta kienu ilhom johorgu flimkien circa sena u meta diga’ kellhom tarbija ta’ xaharejn li kienet twieldet fl-24 ta’ Dicembru 2002. Wara konvivenza matrimonjali ta’ circa sena u nofs, il-partijiet isseparaw u fit-28 ta’ Novembru 2005 iffirmaw kuntratt ta’ separazzjoni konsenswali fejn iddikjaraw “illi l-hajja konjugali ta’ bejn il-partijiet ma baqghetx aktar possibbli minhabba eccessi.” [fol.4]. Wara t-twelid tat-tarbija l-konvenuta kienet bdiet tiehu l-pill biex ma tergax tinqabad tqila, u damet tohodha anke wara li zzewget u tul il-konvivenza matrimonjali kollha.

Mill-provi jrrizulta li meta l-konvenuta kellha erba xhur tqala’ hija kienet telqet lejn l-Ingilterra fejn ghandha l-familja taghha, u dana, wara incident bejnha u bejn l-attur, allura l-gharus taghha, li fih il-konvenuta sfat imsawta minnu. Il-konvenuta tghid li l-attur kien jirrabbja hafna ta’ spiss u okkazzjonalment kien jerfa’ jdejh fuqha, tant li eventwalment iddecidiet li titilqu u tmur tghix l-Ingilterra. Hija tirrakkonta li inizjalment kien ser ikollha tewmien, izda kienet korriet b’ wiehed minnhom, u ftit wara, kien hemm okkazzjoni li fih sfat vittma ta’ vjolenza fizika mill-attur. Sussegwentement l-attur tela’ l-Ingilterra biex jkompli bir-

relazzjoni mal-konvenuta;  izda anke hemm il-partijiet kienu jiggieldu hafna.

Illi l-konvenuta tghid li eventwalment hija kienet accettat li tizzewweg peress li kellha hafna pressjoni f' dan ir-rigward, partiolarment minn omm l-attur. Ghad-domanda jekk xtaqitx tizzewweg, hi tghid: "Xtaqt, u ma xtaqtx, fhimt, imma tant kelli pressure, tant kelli affarijiet speci li kullhadd jghidli speci, ghidt ahjar nizzewweg halli hadd ma joqghod jghidli izjed." u tghid li kieku ma kienx ghal pressjoni li kellha "Le ma kontx nizzewweg, zgur li le".

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi fil-kaz odjern il-Qorti tirravvisa fil-konfront taz-zewg partijiet il-*caput nullitatis* kontemplat fil-paragrafu [d] ta' l-artikolu precitat.

Fir-rigward ta' l-attur, il-Qorti tosserva li l-komportament tieghu, kemm qabel iz-zwieg kif ukoll wara, jimmanifesta nuqqas ta' maturita' affettiva, u senjatament fil-konfront tal-konvenuta, li skond il-gurisprudenza interpretattiva dan il-kuncett jimporta "generalmente quella adeguata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita' che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta' e possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi una mancanza di consenso libero [immaturita' affettiva] e ponderato [immaturita' di gudizio]" [*Il Diritto Canonico Matrimoniale – Bersini; citat fil-kawza App.C. Raymond Theuma vs Carmen Theuma deciza 27 ta' Jannar 2006*].

Fir-rigward tal-konvenuta l-Qorti thoss li kien hemm incertezza kbira da parti taghha meta accettat li tizzewweg lill-attur, u kien hemm pressjoni li dghajjfet serjament il-volonta' taghha u l-libera xelta fil-kunsens matrimonjali.  Dan johrog car kemm minn dak li qalet l-istess konvenuta, kif ukoll mill-fatt li hi baqghet tiehu l-pill tul il-konvivenza matrimonjali sabiex ma tinqabadx tqila. Il-Qorti thoss li l-konvenuta ma kienitx konvinta mill-pass li kienet ser tghamel u li ghamlet biss biex 'taghlaq halq' certu nies "u ma joqghodux jghiduli izjed" u mhux ghax

verament riedet tibni familja ma' l-attur li wara kollox minn qabel iz-zwieg kien jerfa' idejh fuqha.

Il-Qorti tosserva li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali taghha il-konvenuta kienet affetta minn inkapacita' psikika [mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku] jew kostituzzjonali li tgharaf u tirrifletti, u li tiddecidi liberament fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali peress li kienet mahkuma minn impulsi nterni li nehhewlha l-liberta tal-ghazla u li kienu determinanti ghal ghazla.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti  hija tal-fehma li t-talba attrici hija gustifikata fit-termini ta' l-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta' l-artikolu 19[1] Kap.255 fil-konfront taz-zewg partijiet; izda stante li l-kundizzjoni tal-konvenuta kienet konsegwenzjali ghall-komportament abusiv  ta' l-attur, il-Qorti thoss li ghandu jkun hemm temperament fil-kap ta' l-ispejjez.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talba [a] u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fl-1 ta' Frar 2003; u tilqa' t-talba [b]. L-ispejjez tar-registru ghandhom jithallsu kollha mill-attur, filwaqt li l-kumplament jibqghu bla taxxa

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------